# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tmienja (8) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nariz-16 ta' Lulju, 2013, fil-5:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻATI: | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |

1. Is-Sindku, Nicholas Briffa ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Sindku talab li tkun skużata d-Deputat Sindku kif ukoll Paul Spiteri talab li jkun skużat Michel Farrugia. It-talbiet intlaqgħu mill-KLM.

3. Il-minuti tas-seduta numru sebgħa kienu approvati b'mod unanimu wara li sarulhom xi korrezzjonijiet żgħar kif jidhru fuq il-kopja oriġinali u li ġew inizjalati u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

**Punti mill-Minuti**

4. Il-KLM se jivverifika jekk it-tiswijiet fuq ħsarat tal-ilma sarux mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq San Bażilju quddiem l-istess Knisja ta' San Bażilju kif ukoll quddiem il-pastizzerija Trokadero.

5. Is-Sindku informa 'l kunsillieri illi nxtraw is-sitt qsari kbar tal-konkos li kienu approvati fil-KLM fil-laqgħa preċedenti minn għand il-kumpanija Denfar Ltd, wara li l-KLM kien ħareġ il-kwotazzjonijiet pubbliċi. Dawn tpoġġew fil-Pjazza tal-Knisja, Triq Karmenu Ciantar u Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

6. Is-Sindku ressaq mozzjoni b'urġenza wara li kemm hu kif ukoll is-SE attendew għal-laqgħa li kellhom mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali biex il-laqgħat tal-KLM jibdew jixxandru permezz ta' *live streaming* u li għalihom il-KLM se jkun qed ikun refondut mill-Gvern Ċentrali. Grace Marie Mallia issekondat u Paul Spiteri ukoll qabel mal-ideja illi l-KLM ikun eqreb lejn in-nies. Is-SE qal illi peress lil fil-laqgħat tal-KLM il-pubbliku ma jistax jitkellem, jagħmel ħafna sens illi dawn bħala spettaturi jkunu jistgħu isegwu dak li jkun qed jintqal minn djarhom stess, biex in-nies ikunu jafu x'hemm fuq l-agenda tad-diskussjoni lokali.

7. Dwar il-manifattura tal-*book box*, is-SE informa lill-kunsillieri illi ingħatat il-*Purchase Order* filwaqt li erġajna bagħtna xi dettalji li kellu bżonn Glenn Pullicino biex jaħdimħa, u dan minn naħa tiegħu għandu xi punti oħra li xtaq li jikkjarifikahom, bħal dawk tal-lukkett tagħha.

8. Għal proposta tal-KLM biex isir immaniġġjar aħjar tat-traffiku fi Triq iż-Żurrieq k/m Triq Ħal Kirkop, is-Sindku informa lill-kunsillieri illi l-iskop hu li preferibbilment issir *mountable traffic island* f'din il-wesgħa li diġa' ġie jara Luke Genuis għal Transport Malta, akkumpanjata mil-marki (żebgħa) tat-traffiku. Il-pjanti rikjesti saru għal Transport Malta mill-Perit William Lewis.

9. Dwar ir-reviżjoni tar-rotot tat-trasport pubbliku mill-kuntrattur Arriva, is-Sindku informa lill-kunsillieri illi l-Ministru tat-Trasport kitbila lura u qal li qed jimxu fuq il-proposti li saru, fil-każ tagħna dik konġunta mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Madankollu hemm *consensus* fil-KLM illi dan is-servizz ikun aktar frekwenti, u r-rotta tkun tinkludi wkoll waqfa viċin ir-Residenza San Vinċenz de Paule. Dwar jekk it-trasport pubbliku għandux jgħaddi minn Triq Santa Katerina jew Triq il-Madonna tal-Ġilju, matul din il-laqgħa kien hemm il-proposta illi dan jibda' jitla' (mill-By-Pass) u jinżel minn Triq Karmenu Ciantar, (iddawwar fil-Pjazza tal-Knisja). Kien diskuss il-fatt ukoll jekk għandiex tkun eliminata mir-rotta, il-parti ta' Misraħ il-Fidwa, is-Sindku issuġġerixxa li ssir laqgħa pubblika. Intant kien deċiż li din issir nhar l-25 ta' Lulju, 2013, fis-7:00pm, fis-Sala tal-Iskola Primarja filwaqt li għandu jingħad avviż ma' dawk tal-Knisja fi tmiem il-ġimgħa li ġejja.

10. Peress li għadna mingħajr risposta dwar il-proposta tal-KLM li jissieħeb fil-GAL Xlokk, se naraw inkellmux 'l xi ħadd fl-amministrazzjoni ħalli jinfurmawna x'inhuma l-obbligazzjonijiet biex nissieħbu f'din l-Azzjoni Lokali li issa permezz tagħha biss kull Kunsill jista' jibbenefika minn fondi ta' Miżura 313 EAFRD tal-UE.

11. Aktar tard fil-laqgħa infetħu l-kwotazzjonijiet tal-*playing field equipment* mill-kunsillieri preżenti, filwaqt li s-Sindku qal illi biex inkunu nistgħu inwettqu l-pjani li għandna se titneħħa roqgħa ħamrija li s-SE qal li ma fiha xejn ħlief tliet pjanti tal-Oleander minn Misraħ il-Fidwa. Nicholas Briffa qal li se jagħti l-pjanti li kien għamel il-Perit Toni Bezzina lil Perit William Lewis biex jibda' jaħdem fuq dan il-proġett. Intant, għat-tieni darba, ħadd ma tefa' l-kwotazzjoni għall-Van filwaqt li erba' kuntratturi tefgħu dik għall-Play Equipment. L-iskeda tal-ftuħ se tkun ippublikata fin-*notice board* tal-KLM, aktar tard.

12. Grace Marie Mallia qalet illi kellha diversi lmenti fuq l-organizzazzjoni tal-kors tal-Computer li qed jiġi organizzat mill-KLM permezz ta' TCTC. Hija qalet li ċemplet personalment lill-*Customer Care* u ma nqdietx, filwaqt illi Nicholas Briffa qal illi għalih applikaw sittax-il applikant, u meta dawn inqasmu f'etajiet, ma kienx hemm biex timla' klassi. Grace Marie Mallia żiedet illi TCTC fil-fatt ma offrew l-ebda kors għat-tfal ta' 10 snin u dawk ta' 6 snin kienu mistiedna jmorru fil-lokalita' taż-Żurrieq bejn is-6:30pm t-8:30pm, li fl-opinjoni tagħha hu xi ftit tard.

13. Dwar il-kors tat-tisjir, is-Sindku qal li dan beda' llum minn Manuel Xuereb, propju ftit ħin qabel ma bdiet il-laqgħa tal-KLM. Hu qal illi l-fatt li dawn ingħaqdu kollha flimkien kien ta' vantaġġ ħalli s-sussidju li jkun qed jagħti l-KLM ikun inqas. Madankollu għal-lezzjoni tal-llum hu stmat li ntefqu f'ingredjenti b'madwar €85, filwaqt li s-Sindku qal li hu personalment ta donazzjoni ta' provista ta' platti u borom lill-KLM biex jintużaw f'dawn il-lezzjonijiet.

14. Hekk kif jgħaddu lill-uffiċċju l-profili tagħhom il-kunsillieri, Valerie Galea bil-għajnuna tas-Sindku se jkunu qed jaġġornaw is-sit elettroniku www.mqabba.gov.mt.

15. Is-Sindku semma' l-attivita' kulturali li issa nbidlet il-ġurnata li fiha se tkun organizzata u wkoll il-ħin u l-isem tagħha. Hu qal li minkejja li sar jaf illi din se tkun organizzata nhar is-6 ta' Ottubru, fil-festa tar-Rużarju, peress li kollox se jintemm fis-2.00pm, l-ebda armar m'hu se jtellef lil din il-festa. Paul Spiteri ġibed l-attenzjoni biex il-KLM javża lis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju illi mhux se nkunu qed narmaw it-toroq bil-festuni bħalma għamilna f'dawn l-aħħar snin għaliex din l-attivita' issa kien deċiż li se ssir fid-dawl tax-xemx.

16. Il-KLM bagħat ittra lill-MEPA dwar it-trab fin li qed ikun ta' skumdita' għar-residenti li jabitaw viċin/u fi Triq tas-Sejba u l-inħawi. Mingħajr ma ndikajna liema hu s-sors, il-MEPA kienet imħeġġa tara x'inhuma l-irregolaritajiet u l-*infringements* kollha ta' dawk li qed jabbużaw u joperaw illegalment anke saħansitra f'zoni aktar 'l bogħod, bħal dik f'Xagħri Mqalleb u ta' Kandja.

17. Is-Sindku ikkonferma ma' Grace Marie Mallia illi l-*mini bus* li qed jorganizza l-KLM għal Għar Lapsi li fl-ewwel mawra tagħha kien fiha madwar 11–il ruħ u din qed tiġina €20 kull darba. Madankollu is-SE kien avżat biex jinforma 'l min qed jattendi permezz tat-telefon illi l-Ħamis, 25 ta' Lulju, 2013, it-trasport mhux se jkun lejn Għar Lapsi iżda lejn il-bajja ta' Birżebbugia.

18. Paul Spiteri irrimarka illi l-aħħar darba fil-laqgħa tal-KLM bi żvista inqabeż item tal-agenda li kien jikkonsisti fil-Pjan ta' ħidma tal-KLM. Hawn is-Sindku qal li aktar 'il quddiem se niddiskutuh biex kulħadd ikollu f'moħħu l-istrateġija holistika ta' din il-leġislatura.

**AGENDA**

19. Dwar il-kwotazzjoni tal-park benches, il-KLM għażel dik ta' Anton Zarb, cioe' dawk tal-iroko mudell 500 D biex jaqblu mal-kumplament li hemm diġa' fl-inħawi ta' Triq Mikelang Sapiano, filwaqt illi Grace Marie Mallia irrimarkat illi hemm bżonn issir manutenzjoni fuq l-injam bi ftit verniċ fuq dawk il-bankijiet li hemm quddiem l-iskola fi Triq Valletta.

20. Paul Spiteri irrimarka illi jidher li fi Ġnien Tfal ir-Raħal xi ħadd kisser xi ħġieġ u għaldaqstant irridu nibgħatu lill-ħaddiema tagħna biex jiġbruh.

21. Grace Marie Mallia ippreżentat ir-rapport tal-espert dwar l-għażla tal-computer. Hija qalet li wara li dan ra l-ispeċifikazzjonijiet kollha, kemm tal-processors kif ukoll tal-garanzija li offrew il-bidders, in vista tal-prezz offrut, l-aħjar wieħed minnhom kollha hu dak ta' *Advanced Telecommunications System*, għal prezz ta' €90?, għaliex għandu wkoll garanzija ta' tliet snin, minkejja li din hi it-tieni l-orħos offerta.

22. Is-Sindku fakkar illi l-kunsillieri għandhom jissottomettu l-artiklu bil-messaġġ tal-fuljett għal mhux aktar minn tliet mija u ħamsin kelma. Kien deċiż li nagħtu ċans għalih sa tmiem-il ġimgħa peress li d-*deadline* ma kienx iffissaha minn jeddu is-SE fit-*text message* meta kien bagħat l-agenda ta' din il-laqgħa lill-kunsillieri diversi jiem ilu.

23. Kienet proposta minn Grace Marie Mallia ħarġa oħra għal Għawdex. Hija qalet illi l-aħjar ristorant għall-ikel hu dak tas-*Seashells* fil-bajja tax-Xlendi għaliex qishom l-Imqabbin lilu l-aktar li jridu. Din se ssir f'Settembru filwaqt li s-Sindku ippropona wkoll week-end break fix-xahar ta' Novembru.

24. Kien deċiż ukoll li l-KLM joffri drink tal-festa lill-kumitat amministrattiv tas-Soċjeta' Sta Marija nhar it-23 ta' Lulju, 2013 fis-sede tal-Kunsill fis-7:00pm.

25. Kien deċiż ukoll li l-laqgħa li jmiss tal-KLM għandha tinżamm nhar is-6 t'Awwissu, 2013 meta tagħlaq l-offerta pubblika tal-manutenzjoni tat-toroq.

**F'punti oħra:**

26. Grace Marie Mallia tablet sabiex isir ir-*road marking* tal-*istop/slow* fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Sta Katerina.

27. Grace Marie Mallia qalet li fil-lista tal-ilmenti li bagħat is-SE flimkien mal-Agenda hemm diversi lmenti minnhom li jidhru li għadhom pendenti minkejja li dawn diġa' ssolvew jew ingħalqu. Hu qal li se jara jekk dawn humiex statutorji u għaldaqstant jistgħux jingħalqu minn naħa tagħna.

28. Is-Sindku ta program/preambolu tal-attivita' kulturali li se tkun organizzata f'Ottubru bejn id-9:30am u s-2:30pm bl-isem *Biss bil-Ħila*, filwaqt li rrefera għal fondi li din id-darba se jkollna nipprovdu uħud sostanzjali minnhom mill-allokazzjoni finanzjarja. Hawn issemmiet it-*treshold* ta' €3,500 li jista' jonfoq Kunsill Lokali f'Jum ir-Raħal, oltre l-€2,000 li hu mistenni li jagħtina l-gvern ċentrali. Nicholas Briffa qal li għandna nagħtu ċans lill-każini illi jipprovdu l-*istalls* tal-ikel tagħhom filwaqt li dawn se jkunu jistgħu jarmaw il-bandalori. Kien eskluż li nippreparaw

ukoll xi nar minħabba l-burokrazija li wieħed irid jgħaddi minnha bħal dik ta' assikurazzjoni u l-permessi tal-pulizija. Madankollu fuq il-parir tas-Sindku kien approvat il-*line dance* tal-Country Dance Group magħruf bħala *Kikku* għas-somma ta' €100, l-*entertainment* minn Marisa d'Amato għas-somma ta' €150, filwaqt li Nicholas Briffa qal li din se toffrielna li nżejnu l-palk b'xi b'*props* mingħajr ħlas kif ukoll se tipprovdielna wkoll *public address system* biex nagħtu wkoll ċans li jkantaw xi talenti mqabbin. Matul l-attivita' kulturali kien maqbul illi għandna nistiednu lill-artisti u artiġġjana mqabbin biex jesebixxu fuq iz-zuntier tal-Knisja, fosthom l-artist Antonio Mifsud li hu mudellaturm, l-artist Antoine Farrugia, skultur, kif ukoll lill-Shanice Cutajar, Annamarie Hoogvliet Weijers, Nathalie Farrugia u Maria Tonna, li jpenġu. Il-KLM se jistieden lill-MUSEUM biex ukoll jesebixxu affarijiet magħmula mit-tfal bl-arkett matul is-sajf, filwaqt li wkoll se jistieden lil Manuel Xuereb sabiex filwaqt li dan se jippreżenta gateaux biex jitqassam lin-nies preżenti, l-istudenti tiegħu ikunu jistgħu jipparteċipaw billi jsajru riċetti u jdewquhom lin-nies mingħajr ħlas. Kien diskuss ukoll kif il-KLM għandu jitlob xi nbejjed u *juices* minn għand Montekristo u Delicata Co Ltd ħalli wkoll possibilment ikun hemm il-faċilita' li jsiru *non alcoholic cocktails*. Il-kunsillieri preżenti approvaw il-ħlas ta' €500 biex jingħataw lill-Football Nursery billi dawn ikunu nvoluti illi jagħmlu tellieqa madwar il-knisja filwaqt li joffru *display* lill-ispettaturi. Għat-tfal hemm ukoll ippreparat illi dawn ikunu provduti b'ammont ta' karta u plastik u nistiednu lil tal-*Greenpak Co-op Society* sabiex jgħinuhom ħalli jisseparaw l-isakart. Grace Marie Mallia qalet illi għandna wkoll nesebixxu l-*crafts* li jkunu għamlu t-tfal l-iskola bi qbil mal-Kap tal-Iskola filwaqt li jkun provdut il-*bouncing castle* u bżieżaq printed bil-logo tal-Imqabba. Affarijiet oħra li ssemmew kienu kompetizzjoni tal-birra u oħra tal-banana, il-ħdim ta' ġelat tal-birra minn Skutu, il-faċilitajiet tal-ferrovija u żewġ karozzini, il-ftuħ tal-katakombi, kappella ta' Sta Katerina (b'security officer) u l-Isptar il-Qadim, il-bejgħ ta' merchandise tal-KLM, wirja ta' karozzi Ford Classics fi Triq Karmenu Ciantar.

29. Is-Sindku semma' l-barriera tal-Mitħna u wkoll il-fatt li se nirrispondu lill-Kummissarju tal-Artijiet u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali illi għadna interessati fiha. Minkejja li huma tawna sitt xhur ċans aħna tlabna li din tkun estiża għal sena biex tinbena fuqha Dar tal-Anzjani. Nicholas Briffa qal illi diġa' hemm interess privat u l-gvern hu kommess li jagħmilha. Paul Spiteri ippropona illi jinbena bini tal-Kunsill għaliex il-post li noperaw minnu sar żgħir. Hu qal illi l-ġibjun hu sit tajjeb biex jilqa' fih sala tal-komunita' u *day care centre.*

30. Paul spiteri issuġġerixxa illi r-Reġjun jibda' jibgħat lill-gwardjan lokali, jagħmel ir-ronda kull nhar ta' Tlieta fil-għaxija minħabba l-iskart li qed jintefa' fil-boroż is-suwed. Is-Sindku qal li minkejja li m'għandniex green wardens dan xorta jista' jsir.

31. Dwar il-proposta ta' Triq Ħal Kirkop li ssir one-way, intbgħatet ittra lill-Kunsilli Lokali tal-Qrendi, Zurrieq u Kirkop fejn ġiet ippproponuta skema sħiħa bi triq oħra kumplimentari fid-direzzjoni opposta. Dan sar fuq struzzjonijiet ta' Transport Malta.

32. Issemmiet il-laqgħa li kellhom is-Sindku, Grace Marie Mallia u s-SE għall-KLM mal-Onor Toni Bezzina, fid-9 ta' Lulju, 2013, fejn fiha issemmew il-proġetti u d-diffikultajiet tagħna speċjalment dawk tat-trasport pubbliku fost l-oħrajn.

33. Is-Sindku fakkar fil-laqgħa li se jkollu l-KLM mal-MEPA fit-22 ta' Lulju, dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali fejn hu mistenni illi jerġa' jissemma l-ġibjun propost fil-HE fuq art li trid tiġi espproprijata.

34. Is-Sindku fakkar lil kulħadd fil-laqgħa tal-25 Lulju mal-MEUSAC u ħeġġeġ lil kull kunsillier biex jattendu għaliha.

35. Is-Sindku esebixxa kwotazzjoni minn għand ċertu Toni Zammit biex issir bankina fi Triq il-Qattara għas-somma ta' €967. Paul Spiteri qal li għandna nġibu kwotazzjonijiet oħra ħalli nevitaw id-direct orders.

36. Grace Marie Mallia issuġġeriet illi fix-xitwa għandu jsir kors tal-bini tal-presepji minn Manuel Zammit billi jsir minn issa avviż fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett.

37. Dwar it-tiswijiet li hemm bżonn isiru fuq il-berġa, is-Sindku qal illi rċevejna żewg e-mails mill-awtoritajiet tas-Saħħa biex nevitaw illi jidħol aktar ilma tax-xita fiha u wkoll biex jinstab sit alternattiv.

38. Il-laqgħa ntemmet fit-8:30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum 06/08/2013 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |